TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 229/16/S

Ann Marie Bonello
Vs
Satariano Design Concept Ltd

Illum 26 t'Ottubru,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Ann Marie Bonello pprezentata fit-28 ta'Novembru,2016 filwaqt li s-socjeta Satariano Design Concept Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet kontumacja u pprezentat risposta fl-10 t'Awwissu,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti Ann Marie Bonello. Hadd ma deher mis-socjeta intimata fis-seduta mizmuma;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'quotation' li sussegwentement is-socjeta intimata infurmat lir-rikorrenti li kien hemm zball fil-prezz imsemmi fil-'quotation';

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata wiegbet ghat-talba rikorrenti xhur wara filwaqt li l-istess socjeta intimata ma pprezentat ebda talba biex tiggustifika l-kontumacja taghha;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti xehdet bil-gurament li hi kienet ordnat l-oggett in kwistjoni u cioe 'bar cabinet' kif jidher f'Dok AMB2;

Illi dan id-dokument AMB2 jirraprezenta ftehim validu bejn il-partijiet, liema ftehim ma jistax jinhall b'semplici telefonata li tghid li kien sar zball fl-ammont imnizzel fis-'sales order' ossija Dok AMB2;

Illi id-dokument imsemmi hu car u jirrifletti dak li l-partijiet qablu fuqu u konsegwentement hu vinkolanti fuq iz-zewg partijiet;

Illi ghalhekk dan il-ftehim seta' jigi newtralizzat jew mibdul bil-kunsens taz-zewg partijiet;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Ann Marie Bonello u Jordna lis-socjeta Satariano Design Concept Ltd tonora is-'sales order' (Dok AMB2) bil-prezz u l-kundizzjonijiet hemm imnizzla u maqbula bejn il-partijiet, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata Satariano Design Concept Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru